MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

# TWISSIJA MILL-MFSA

## Finexten Transition – Finexten SICAV P.L.C.

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") hija konxja dwar **Finexten Transition,** fond li qed jiġi mmarkitjat bħala *sub-fund* ta' **Finexten SICAV P.L.C.** Din l-entità tgħid li hija reġistrata skont il-liġijiet ta' Malta u li hija regolata mill-MFSA.

L-MFSA tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku, f'Malta u barra minn Malta, li l-entità msemmija hawn fuq **MHIX** kumpannija reġistrata f'Malta u **LANQAS ma** hi entità liċenzjata mill-MFSA biex tipprovdi xi tip ta' servizz finanzjarju. Għaldaqstant, l-MFSA twissi lill-pubbliku biex ma jagħmilx transazzjonijiet jew b'xi mod ieħor jirrelata ma' din l-entità.

L-MFSA tixtieq tfakkar lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji biex ma jidħlu f'ebda transazzjoni ta' servizzi finanzjarji sakemm ma jkunux aċċertaw infushom li l-persuna jew l-entità li magħha qed isir it-transazzjoni hi liċenzjata jew hi awtorizzata mill-MFSA jew minn xi regolatur ieħor tas-servizzi finanzjarji ta' reputazzjoni tajba biex tipprovdi tali servizzi.

Lista ta' entitajiet liċenzjati u awtorizati mill-MFSA hija disponibbli mingħand L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, b'aċċess minn: www.mfsa.com.mt.

**Taqsima tal-Komunikazzjoni**
**L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**Twissija MFSA: 09-2014**
**18 ta' Awwissu 2014**